

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050”

(2012/C 391/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jitlob li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġi rikonoxxut b'mod adegwat u jiġi akkumpanjat minn riżorsi u ħiliet adegwati barra minn strumenti ta' governanza adatti, mill-mument li dawn l-awtoritajiet jaqdu funzjoni ewlenija, b'mod dirett bħala msieħba ta' proġetti tal-enerġija lokali sostenibbli jew relattiva għall-ippjanar tal-infrastrutturi l-ġodda, l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet, l-investimenti, l-akkwist pubbliku, il-produzzjoni u t-trażżin tal-konsum tal-enerġija;
- itenni li għandha tingħata prijorità lill-integrazzjoni fin-netwerk tad-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli prodotta fil-livell lokali minn riżorsi deċentralizzati u differenti, fosthom l-enerġija mir-riħ, mill-ilma, ġeotermali, mix-xemx u mill-bijomassa, biex b'hekk l-infrastrutturi tat-trasport tal-enerġija u tad-distribuzzjoni jkunu iżjed intelliġenti (smart grid) u kapaċi jikkompetu b'mod effettiv, jiġifieri jkun hemm benefiċċji reali għall-konsumatur aħħari;
- jenfasizza li sabiex jiġi garantit il-bżonn dejjem akbar ta' flessibbiltà fis-sistema tal-enerġija, hemm bżonn ta' teknoloġiji adatti tal-ħżin fil-livelli kollha ta' vultaġġ li, bħall-impjanti ta' ħżin permezz tal-pompi u li jippermettu l-ħżin tas-surplus u l-konverżjoni mill-ġdid sussegwenti fuq skala industrijali. Għal dan il-għan għandhom jiġu żviluppati u implimentati strumenti strateġiċi għar-riċerka u l-promozzjoni tat-teknoloġija;
- jirrakkomanda li jissaħħaħ ir-rwol tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjon (ICT) bħala faċilitaturi tal-assorbiment tal-innovazzjoni, multiplikaturi tal-informazzjoni u soluzzjonijiet għall-konsum tal-enerġija għal setturi strateġiċi bħas-“smart cities”, li jinkludu politiki marbutin mal-mobilità sostenibbli, l-infrastrutturi intelliġenti ta' distribuzzjoni u l-bini sostenibbli;
- jenfasizza l-urġenza biex sal-2014 ikun hemm twettiq komplet tas-suq intern tal-enerġija li jikkontribwixxi biex tiġi ggarantita l-provvista enerġetika bi prezz aċċessibbli kif ukoll biex sal-2015 jiġi rettifikat l-iżolament tal-enerġija fxi Stati Membri individwali, ikun hemm bilanċ ġust tar-riżorsi fost ir-reġjuni u jiġu stabbilizzati u jittejbu l-kundizzjonijiet qafas tas-settur tal-enerġija Ewropew, bil-għan li jkunu jistgħu jiġu limitati l-ispejjeż addizzjonali tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

| | |
|-------------------------------|--|
| Relatur | Is-Sur Ugo CAPPELLACCI (IT/PPE), President tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja |
| Dokument ta' referenza | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 COM(2011) 885 final |

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

A. Strateġija Ewropea għat-trasformazzjoni tas-sistemi enerġetiċi

1. jaqbel li hemm bżonn urġenti li tiġi definita strateġija Ewropea fit-tul għas-settur tal-enerġija li tkun tista' tikkontribwixxi b'mod tanġibbli għall-oġġettiv tad-dekarbonizzazzjoni sal-2050 tal-Unjoni Ewropea. It-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija hija responsabbiltà li għandna quddiem il-ġenerazzjonijiet futuri, u fl-istess waqt tirrappreżenta wkoll opportunità reali ta' tkabbir, żvilupp, impjeg, kompetittività u tisħiħ tal-indipendenza tal-enerġija għall-Ewropa;

2. jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 iżda huwa tal-fehma li dan mhux iddettaljat u ċar biżżejjed biex jagħti gwida mil-lum 'il quddiem u lil hinn mill-2020 għall-għażliet tal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-investituri lejn mudell enerġetiku għid u biex joħloq ċertezza suffiċjenti fl-ippjanar, filwaqt li jiġi enfasizzat li, bħala segwitu, issa għandhom jiġu adottati miżuri konkreti. Pereżempju, ikun tajjeb li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li tiġi introdotta projbizzjoni fuq is-sussidji tal-Istat għall-karburanti fossili;

3. jinnota li l-Pjan Direzzjonali ma jinkludix valutazzjoni tas-sitwazzjoni inizjali rigward l-għanijiet stabbiliti għal dawn l-għaxar snin għall-Istrateġija tal-Enerġija għall-2020, u għalhekk fin-nuqqas tagħha għandu jiġi kkunsidrat dan qabel ma jiġu stabbiliti l-għanijiet u l-qafas politiku għall-2030 li għalih issir referenza fl-aħħar konklużjoni tal-Pjan Direzzjonali. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġu definiti fażijiet intermedjarji tal-proċess ta' trasformazzjoni tas-sistema enerġetika fl-2030 u fl-2040, b'mod koerenti mal-oġġettivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet previsti fil-Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050⁽¹⁾. Triq li timxi minn stadju għal stadju tista' timplika l-użu tal-karburanti/sorsi tal-enerġija ta' tranżizzjoni li huma kapaċi jakkumpanjaw b'mod gradwali t-trasformazzjoni, u jiżguraw fl-istess ħin l-indipendenza u sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, tippermetti li jiġi faċilitat it-tilħiq ta' riżultati konkreti, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress tal-miżuri;

4. jinsab konvint li l-approċċ "newtrali mil-lat teknoloġiku" adottat fid-dokument mhux adatt u għandu jerġa' jitqies biex tingħata prijorità fuq medda twila ta' żmien lil dawk l-approċċi, lit-teknoloġiji u lill-karburanti li r-riżultati tagħhom huma ċerti

u li jistgħu jintużaw b'mod sostenibbli u sikur, billi jitqiesu l-esperjenzi u l-għarfien disponibbli dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u dwar it-teknoloġiji innovattivi. Barra minn hekk, it-trasformazzjoni tas-sistema enerġetika biex tkun sostenibbli ma tistax ma tqisx id-disponibbiltà li tinbidel kontinwament tar-riżorsi, minħabba l-kriżi ekonomika, u lanqas l-impatti ambjentali u soċjali possibbli li jistgħu jiġu minnha;

5. jinsab konvint fil-valur tal-interdipendenza bejn il-politiki ambjentali u dawk soċjali, u tal-hteġa konsegwenti li jiġi żgurat fuq medda medja u twila ta' żmien aċċess ugwali għal kulħadd għall-enerġija sikura u sostenibbli u għall-inqas impatt possibbli fuq l-ambjent bi prezz raġjonevoli. Għandu jiġi żgurat ukoll l-aċċess għal kulħadd għall-mezzi biex jikkontrollaw il-konsum domestiku u l-produzzjoni lokali ta' enerġija rinnovabbli bi prezzijiet raġjonevoli;

6. jitlob il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tad-definizzjoni tal-politiki bħall-politika tad-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija f'termini tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, it-trażżin tal-konsum, il-produzzjoni u t-teknoloġiji ġodda; ir-reviżjoni tal-pjan direzzjonali f'konformità mal-potenzjal u l-bżonnijiet tal-korpi territorjali; u l-assoċjazzjoni ta' riżorsi adegwati, kapaċitajiet u strumenti ta' governanza mar-rwol importanti tal-awtoritajiet territorjali;

B. Valutazzjoni tal-impatt fuq it-territorju u l-implikazzjonijiet soċjali

7. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-trasformazzjoni tas-sistemi enerġetiċi se timplika sforzi u konsegwenzi varjabbli għar-reġjuni diversi, abbażi tal-vokazzjoni enerġetika u d-disponibbiltà tar-riżorsi ta' kull wieħed minnhom, u li l-ispejjeż ekonomiċi, finanzjarji u amministrattivi eventwali ta' azzjoni Ewropea fil-qasam tal-enerġija jridu jiġu ġustifikati skont valutazzjoni tal-impatt dettaljata li tqis b'mod adegwat ir-realtajiet speċifiċi fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari aspetti tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija;

8. jaqbel li t-tibdil strutturali tas-sistemi tal-enerġija jinvolvi t-tweqqif u/jew il-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi, u jinnota nuqqas ta' uniformità fl-ispejjeż ta' din it-trasformazzjoni fid-diversi reġjuni tal-Ewropa, li konsegwentement jista' johloqperiklu għall-koeżjoni soċjali;

9. jirrakkomanda t-twaqqif ta' strumenti li jistgħu jivvalutaw l-effetti tat-trasformazzjoni tas-sistemi enerġetiċi fil-livell territorjali, kemm f'termini ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali u ambjentali. Għaldaqstant, ifakkar fl-importanza li tiżdied il-kwalità u l-iskala tal-indikaturi makroekonomiċi l-iżjed komuni użati għall-valutazzjoni tal-effiċakja tal-politiki, u li b'hekk tiġi

(¹) COM(2011) 112 final.

introdotta, minn naħa, it-tema tal-enerġija mill-perspettiva tas-sostenibilità u, min-naħa l-oħra, dimensjoni soċjali u ambjentali kapaċi tirrifletti l-varjazzjonijiet tal-koeżjoni soċjali, ta' aċċess bi prezz raġjonevoli għall-oġġetti u s-servizzi primarji, il-qagħda tas-saħħa, tal-faqar, inkluż il-faqar eneġetiku, tar-riżorsi naturali u tal-kwalità tal-ħajja inġenerali;

C. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

10. huwa konvint li t-tilħiq tal-oġġettivi ta' skala globali fis-settur enerġetiku jesiġi inizjattivi li jitwettqu fil-livell lokali. Għalhekk, jenfasizza li l-eżistenza ta' miri territorjali diġà tat prova li hija effikaċi frealtajiet diversi lokali u reġjonali, bħala espressjoni ta' governanza f'diversi livelli tat-trasformazzjoni tas-sistema enerġetika;

11. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza fis-sistema enerġetika għal tal-kooperazzjoni u tas-solidarjetà transkonfinali u għaldaqstant tal-bżonn ta' koordinazzjoni fil-livell Ewropew. Sabiex isir l-isforz meħtieġ fil-livelli kollha ta' governanza, hija indispensabbli kooperazzjoni stretta mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u jtenni t-talba tiegħu għal definizzjoni ċara tar-rwoli u l-mekkaniżmi ta' interazzjoni;

12. jitlob li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġi rikonoxxut b'mod adegwat u jiġi akkumpanjat minn riżorsi u ihliet adegwati barra minn strumenti ta' governanza adatti, mill-mument li dawn l-awtoritajiet jaqdu funzjoni ewlenija, b'mod dirett bħala msieħba ta' proġetti tal-enerġija lokali sostenibbli jew relattiva għall-ippjanar tal-infrastrutturi l-ġodda, l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet, investimenti, l-akkwist pubbliku, il-produzzjoni u t-trażżin tal-konsum tal-enerġija. Barra minn hekk, id-djalogu soċjali u l-parteċipazzjoni tal-entitajiet soċjali mixtieqa fil-pjan direzzjonali għall-ġestjoni tat-tibdil jesiġu l-kapaċità ta' informazzjoni mifruxa u ta' intermedjar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għaldaqstant iridu jkunu mhux biss rikonoxxuti b'mod ċar iżda anke appoġġjati b'mod effettiv;

13. jirakkomanda li jkun hemm kontinwità fl-appoġġ ta' azzjonijiet u mġieba tajba li diġà huma pprattikati fil-livell lokali, b'hekk jissaħħa il-livell ta' adegżjoni u inklużjoni f'kull tip ta' kooperazzjoni, pereżempju fil-qafas tal-Patt tas-Sindki jew ta' strutturi interreġjonali, nazżjonali jew internazzjonali oħra, u jiġi appoġġjat ir-rwol ta' xprun fil-promozżjoni tat-tibdil, l-istimolu tal-iżvilupp ekonomiku tat-territorju, u jinħolqu netwerks ta' informazzjoni u kollaborazzjoni;

D. L-effiċjenza enerġetika, l-iffrankar tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli

14. jaqbel dwar il-prijorità li jiġi promoss l-iffrankar tal-enerġija sabiex titnaqqas id-domanda għall-enerġija, permezz tas-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-tibdil fl-imġiba taċ-ċittadini, iżda anke permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li huma kapaċi jiggarrantixxu konsum iżjed effiċjenti tar-riżorsi u tkabbir ikbar tal-ekonomija, tal-kompetittività u tal-impjeg u billi l-Istati Membri jħeġġu sistemi ta' awtokonsum tal-enerġija sabiex jiġi promoss l-aktar użu razzjonali possibbli tal-enerġija, sistema tal-enerġija distribwita u sehem aktar

ġenwin taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tip u l-użu tal-enerġija. Mil-lat tar-rilaxx tat-tkabbir ekonomiku mill-konsum tal-enerġija, jinnota kif it-tnaqqis fil-konsum, fil-każ li dan it-tnaqqis jiġi ikkawżat minn iżjed effiċjenza fil-proċessi u minn iffrankar enerġetiku, jista' jiġi kkunsidrat bħala indikatur tal-iżvilupp u mhux ta' riċessjoni, u li jista' jkun ta' benefiċċju għall-ekonomija;

15. itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar l-appoġġ tal-effiċjenza enerġetika bħala waħda mill-miżuri li jiddeterminaw jekk jintlaħqux jew le l-oġġettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti għall-2050. Jaqbel dwar il-bżonn li jiġu identifikati miżuri ta' effiċjenza enerġetika iżjed ambizzjużi u strateġiji li jiggarrantixxu bilanċ mill-aqwa bejn l-ispejjeż u l-effiċjenza u jemmen li f'dan il-kuntest ikun tajjeb li jkun hemm qafas vinkolanti fil-livell Ewropew. Fl-istess ħin, jara l-urġenja li tittieħed azzjoni rigward l-aspetti li jistgħu minn issa stess jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iffrankar, permezz ta' aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini u ta' mobilità aktar sostenibbli;

16. fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri urġenti mehtieqa għat-trasformazzjoni tal-enerġija, għandha f'kull każ tiġi garantita l-koerenza bejn il-miżuri individwali fid-dawl tas-sostenibilità. B'mod partikolari, għandu jiġi evalwat ir-riskju li l-progress f'qasam wieħed jista' jikkawża impatt negattiv fuq oqsma oħra;

17. huwa favur il-ħolqien ta' valur għall-iffrankar tal-enerġija permezz ta' mekkaniżmi sostenibbli tas-suq, kif ġie analizzat fil-'Pjan Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika 2011' ⁽²⁾;

18. japprezza l-evidenza li żieda fil-kwota tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli hija karatteristika komuni fix-xenarji kollha tad-dekarbonizzazzjoni, anke fl-2030, u li sal-2050 tkun laqget livell ta' kontribut qawwi ħafna meta mqabbla ma' teknoloġiji oħra. Madankollu, jiddispjaċih li l-ebda wieħed mix-xenarji tal-pjan direzzjonali ma jqis soluzzjonijiet integrati ta' sorsi rinnovabbli u effiċjenza enerġetika, bil-għan li tiżdied is-sostenibilità tat-trasformazzjoni lejn xenarju mingħajr enerġija fossili fis-sistema enerġetika u li jsir progress lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur. Barra minn hekk, filwaqt li jirrimarka li fil-Pjan Direzzjonali l-enerġija rinnovabbli hija rikonoxxuta bħala essenzjali għas-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, il-Kumitat jiddispjaċih li ma jinkludix analiżi ddettaljata tar-rwol ewlieni li dan is-settur għandu jaqdi, minħabba l-impatt sinifikanti tiegħu fuq il-konsum globali tal-enerġija, (i) tul il-proċess tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea sal-2050 u konsegwentement anke (ii) fit-tfassil ta' politiki tal-enerġija attwali u futuri;

19. itenni l-osservazzjonijiet inklużi fir-riżoluzzjoni CdR 7/2011 tat-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2011 dwar il-Prijoritajiet tal-Infrastruttura tal-Enerġija għall-2020 u wara', u l-prijoritajiet relatati mal-promozżjoni tan-netwerks tat-trasport tal-enerġija u tal-integrazzjoni fin-netwerk tad-distribuzzjoni tal-enerġija rinnovabbli prodotta fil-livell lokali minn riżorsi deċentralizzati u differenti, fosthom l-enerġija mir-riħ, mill-ilma, ġeotermali, mix-xemx u mill-bijomassa, biex b'hekk l-infrastrutturi tat-trasport tal-enerġija u tad-distribuzzjoni jkunu iżjed intelliġenti (smart grid) u kapaċi jikkompetu b'mod effettiv, jiġiferi jkun hemm benefiċċji reali għall-konsumatur aħħari. Sabiex jiġi

(2) COM(2011) 109 final.

garantit il-bżonn dejjem akbar ta' flessibilità fis-sistema tal-enerġija, hemm bżonn ta' teknoloġiji adatti tal-ħżin fil-livelli kollha ta' vultaġġ li, bħall-impjanti ta' ħżin permezz tal-pompi, jippermettu l-ħżin tas-surplus u l-konverżjoni mill-ġdid sussegwenti fuq skala industrijali. Għal dan il-għan għandhom jiġu żviluppati u implimentati strumenti strateġiċi għar-riċerka u l-promozzjoni tat-teknoloġija;

E. Sorsi ta' enerġija konvenzjonali (gass, karbonju, żejt), mhux konvenzjonali, u nukleari

20. jaqbel dwar il-ħtieġa li tiġi assicurata diversifikazzjoni tal-provvista sabiex tiġi garantita l-protezzjoni tas-sikurezza enerġetika. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm disponibbli linji gwida preċiżi għal fażi ta' tranżizzjoni li fiha s-sorsi ta' enerġija konvenzjonali (gass, karbonju, żejt) – fl-aktar forum sostenibbli u effiċjenti tagħhom mil-lat tas-CO₂ u b'enfasi speċjali fuq it-teknoloġiji għall-ġbir u l-ħżin tiegħu – ikunu jistgħu jaqdu rwol ta' akkumpanjar tul it-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema enerġetika, filwaqt li jiġu żviluppati t-teknoloġiji, l-infrastrutturi u l-imġiba meħtieġa għat-tibdil;

21. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-importanza li qed tingħata fl-istrateġija lit-teknoloġiji li għadhom mhumiex disponibbli fuq skala kummerċjali, u jirrakkomanda li kull użu ta' sorsi mhux konvenzjonali ta' gass, (jiġifieri l-gass mix-shale) u kull użu ta' teknoloġiji li fihom riskji li s'issa ma ma tteħidx kont tagħhom u ma ġewx ikkontrollati għal kollox u li jista' jkollhom aspett transkonfinali, ikunu soġġetti, fil-livell Ewropew, għal studju u diskussjoni tal-konsegwenzi ambjentali u soċjali possibbli fuq żmien qasir jew twil, b'konformità mar-regolament fis-seħħ, u bħal fil-każ tal-gass mix-shale, billi titqies il-ħtieġa eventwali ta' regolamentazzjoni. Għaldaqstant jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromovi r-riċerka ta' teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi fit-trasformazzjoni tal-enerġija u jipproponi li jiġu inklużi analiżijiet taċ-ċiklu tal-ħajja fost l-elementi essenzjali ta' evalwazzjoni li jridu jitqiesu fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

22. jikkritika r-rabta kawżali bejn id-dekarbonizzazzjoni u l-enerġija nukleari fil-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, kif ukoll is-suppożizzjoni li l-enerġija nukleari tikkontribwixxi għat-tnaqqis fl-ispejjeż tas-sistema u l-prezzijiet tal-elettriku, meta fil-fatt huwa magħruf li "wisq probabbli se jiżiedu l-ispejjeż għas-sikurezza, l-iżmantellar tal-impjanti li diġà jeżistu u t-tneħħija tal-iskart". Għaldaqstant, il-KtR jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lil xenarji fuq perjodu fit-tul ibbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux konvenzjonali, u fuq il-fatt li ż-żieda fit-tħassib tal-opinjoni pubblika f'termini ta' sikurezza tas-settur nukleari tista' twassal għal inqas investment privat fis-settur u għalhekk toħloq il-bżonn ta' aktar sussidji mill-gvern jew żidiet fil-prezz tal-elettriku, li jolqtu l-iktar lill-ifqar parti tal-popolazzjoni;

F. Investimenti u aċċess għall-fondi

23. jaħseb li d-definizzjoni ta' qafas ta' referenza għall-investimenti, talinqas sal-2030, tista' żżid l-effikaċja tal-pjan direzzjonali u toħloq kundizzjonijiet ta' iżjed ċertezza fis-suq, kemm għall-atturi privati kif ukoll dawk istituzzjonali, speċjalment jekk

din tirreferi wkoll għall-oġġettivi nazzjonali ta' investment li jqsu l-pjani ta' azzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Barra minn hekk, ċertezza ikbar f'termini ta' investimenti tista' tikkontribwixxi għat-tilħiq tal-oġġettivi tal-2020, b'mod partikolari tal-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija, u biex dan isir iridu jissaħħu l-isforzi preżenti. Għaldaqstant, il-qafas ta' referenza għandu jgawdi mit-twettiq ta' ppjanar Ewropew tal-kompetenzi tal-katini tal-effiċjenza tal-enerġija u tas-sorsi rinnovabbli, li permezz tiegħu jiġu indirizzati l-investimenti, sabiex jissaħħu d-dinamiċi tat-tkabbir u l-operaturi ta' dawn il-katini;

24. jitlob b'mod partikolari li jiġu identifikati b'mod ċar ir-riżorsi għall-promozzjoni ta' investimenti deċentralizzati għall-enerġija sostenibbli (trażżin tal-konsum u produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli) li jikkontribwixxu għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u għall-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika u impjegi ekoloġiċi fil-livell lokali u reġjonali; l-identifikar ta' strument finanzjarju ulterjuri ġestit flivell deċentralizzat sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni għall-enerġija sostenibbli (SEAP); u l-appoġġ (ekonomiku u leġislattiv) tal-produtturi żgħar deċentralizzati tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex tiġi faċilitata l-integrazzjoni tagħhom fin-netwerk;

25. jirrakkomanda li tittawwal u tiġi estiża l-esperjenza pożittiva tal-programm "Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa" u li jiġu identifikati b'mod ċar il-modalitajiet sabiex tintuża kwota sinifikanti tal-fondi disponibbli fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni. Fost affarijiet oħra jqis neċessarju li fil-Fondi Strutturali jiġu attribwiti riżorsi għall-faċilitar tal-istabbilizzar ta' kollaborazzjonijiet lokali għall-iżvilupp deċentralizzat ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenza enerġetika għolja, u b'mod speċifiku fil-Fond Soċjali sabiex jinħoloq kapital uman kapaċi jippjana, jiġġestixxi u jagħti għajjnuna teknika f'dak li jirrigwarda l-qasam tal-enerġija, kemm f'termini ta' soluzzjonijiet kif ukoll ukoll teknoloġiji u sħubijiet ta' implimentazzjoni;

26. jaħseb li l-awtoritajiet lokali għandhom ikomplu jibbenefikaw minn aċċess semplifikat għall-fondi tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għall-enerġija sostenibbli. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-proġetti li jintegraw l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli għal żvilupp sostenibbli tat-territorju, billi jiġu ssemplifikati l-proċeduri u faċilitat l-aċċess għal finanzjament għall-entitajiet iżgħar;

27. jiġbed l-attenzjoni li l-miżuri nazzjonali waħidhom mhumiex suffiċjenti għall-finanzjament effettiv tal-infrastrutturi tal-enerġija, u għalhekk jipproponi appoġġ finanzjarju ikbar għall-proġetti tas-settur tal-enerġija, b'mod partikolari biex jinxtered l-użu ta' soluzzjonijiet miksuba minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli anke fil-każ tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini;

28. jipproponi li tinxtered strateġija ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' clusters u sħubijiet reġjonali kif ukoll għall-koooperazzjoni bejn dawk li jeżistu diġà, billi jitqies li f'xi reatjiet territorjali, dawn diġà taw xhieda li huma strumenti validi għall-iżvilupp ta' swieq ekoloġiċi tal-enerġija u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti u l-ħolqien ta' kompetenzi professjonali u impjegi;

G. Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-applikazzjoni

29. jaqbel li hemm bżonn li jiġi promoss impenn qawwi fil-livell Ewropew f'termini ta' innovazzjoni u riċerka, konvint li l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, iktar effiċjenti u inqas għoljin, ikun jista' jikkontribwixxi biex jinħolqu ċertezzi iżjed qawwija fis-settur u biex jinġibed il-kapital, anke permezz ta' allokazzjoni raġjonata tar-riżorsi fi ħdan il-programm għid "Orizzont 2020";

30. jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa għal koerenza, f'termini tal-għanijiet u l-prioritajiet bejn il-programm il-għdid ta' riċerka Orizzont 2020 u l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050

31. huwa tal-fehma li għandhom jiġu promossi iżjed l-innovazzjoni u r-riċerka relatati mal-mikroproduzzjoni tal-enerġija, bħal pereżempju fir-rigward tal-enerġija idroelektrika fornuta min-nixxigħat, tal-enerġija mir-riħ maħsuba għal nukleji familjari ewlenin jew għal gruppi ta' familji, tal-enerġija mix-xemx lokalizzata jew inkella, fejn jeżistu, tal-produzzjoni tas-sħana minn sorsi tal-ilma termali;

32. iħeġġeġ li fir-riċerka u l-iżvilupp ikun hemm attenzjoni akbar għall-potenzjal tal-enerġija tal-oċeani (mewġ u marea) li joffri possibbiltajiet kbar għall-provvista ta' enerġija mhux perikoluża, sigura u sostenibbli;

33. jipproponi li jitwaqqfu mekkaniżmi li jistgħu jiġu rreplikati, abbażi tal-aqwa prattiki eżistenti f'diversi reġjuni, sabiex jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' clusters tal-innovazzjoni, ta' pjattaformi territorjali tal-innovazzjoni għall-enerġija u tipi oħra ta' sħubija bejn il-pubbliku u l-privat bejn awtoritajiet territorjali, il-qasam akkademiku u l-industrija. Dawn it-tipi ta' sħubija jistgħu jirrappreżentaw strumenti importanti ta' żvilupp reġjonali u tal-ekonomija lokali sabiex tiġi garantita adattabilità, aċċessibilità u ekonomija aħjar tal-innovazzjonijiet u t-teknoloġija fil-livell lokali;

34. huwa tal-fehma li l-politiki agrikoli u tal-forestrija ser ikunu influwenzati ferm mill-pjan direzzjonali u li, għalhekk,

ser ikun hemm bżonn li jiġu appoġġjati l-attivitajiet ta' riċerka li jagħmlu possibbli l-adattament u l-iżvilupp ta' dawn is-setturi biex iwasslu għal livell oġhla ta' sostenibilità;

35. jirrakkomanda li jissaħħaħ ir-rwol tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) bħala faċilitaturi tal-assorbiment tal-innovazzjoni, multiplikaturi tal-informazzjoni u soluzzjonijiet għall-konsum tal-enerġija għal setturi strateġiċi bħas-"smart cities", li jinkludu politiki marbutin mal-mobilità sostenibbli, l-infrastrutturi intelliġenti ta' distribuzzjoni u l-bini sostenibbli;

36. jipproponi li tiġi enfasizzata l-importanza tar-riċerka u t-taħriġ tal-ispeċjalisti, b'mod partikolari min-naħa tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu minn riżorsi kwalifikati u l-programmi ta' studju adatti biex ikun hemm teknoloġiji futuri effikaċi, bil-għan li tkun tista' tiġi introdotta l-innovazzjoni u jitwettqu l-pjani strateġiċi;

H. Suq intern u globali

37. jenfasizza l-urġenza biex sal-2014 ikun hemm twettiq komplet tas-suq intern tal-enerġija li jikkontribwixxi biex tiġi ggarantita l-provvista enerġetika bi prezz aċċessibbli kif ukoll biex sal-2015 jiġi rettifikat l-iżolament tal-enerġija f'xi Stati Membri individwali, ikun hemm bilanċ ġust tar-riżorsi fost ir-reġjuni u jiġu stabbilizzati u jittejbu l-kundizzjonijiet qafas tas-settur tal-enerġija Ewropew, bil-għan li jkun jistgħu jiġu limitati l-ispejjeż addizzjonali tat-tranżizzjoni tal-enerġija;

38. jirrakkomanda li tkompli tiġi żviluppata s-sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju b'bidla radikali fil-proċedura tal-allokazzjoni b'xejn tal-kwoti, liema proċedura bħalissa qed ixxejjel l-għan regolatorju tal-ETS peress li żżomm il-prezz tal-kwoti baxx wisq. Hawnhekk għandna titqies is-sitwazzjoni tal-intrapriżi li joperaw fis-swieq internazzjonali u li l-kompetittività tagħhom tista' tiġi kompromessa mill-fenomeni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (*carbon leakage*) lejn pajjiżi terzi.

Brussell, 10 ta' Ottubru 2012.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO